MALTA

# QORTI CIVILI

# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF

## ABIGAIL LOFARO

Seduta tas-26 ta' Marzu, 2015

Citazzjoni Numru. 216/2013

**AB**

**vs**

**Avukat Dr Mark Mifsud Cutajar u il-PL Katrina Zammit Cuomo b'digriet tal-20 ta' Novembru 2013 gew nominati bhala kuraturi deputati halli jharsu l-interessi tal-assenti CB**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ippresentat mill-attrici, li *in forza* tieghu, wara li ppremettiet :

1. Illi l-partijiet f'din il-kawza izzewgu fit-8 ta' Mejju 2004 (certfikat taz-zwieg hawn anness u mmarkat "Dok MG1") u miz-zwieg taghhom twieldu zewgt itfal, W li twieled fil-11 ta' Gunju 2007, u R (Junior), li twieled fl-4 ta' Awissu, 2008, it-tnejn minorenni (certifikati tat-twelid hawn annessi u mmarkati "Dok MG 2" u "Dok MG3");
2. Illi l-hajja konjugali bejn l-attrici u zewgha giet reza impossibbli stante adulterju, eccessi, mohqrija thedid u ingurji gravi da parti ta' zewgha fil-konfront tar-rikorrenti u anke ghaliex iz-zwieg taghhom tkisser irrimedjabilment;
3. Illi in oltre ghal aktar minn sentejn ir-rikorrenti sfat abbandunata mill-konvenut stante li fl-elfejn u disa (2009) huwa abbanduna d-dar matrimonjali, lir-rikorrenti u lil uliedhom u harab minn dawn il-Gzejjer lejn il-Ghana kif jirrizulta min-nota datata l-4 ta' Mejju 2011 tal-Ispettur Angelo Gafa ("Dok. MG4" hawn anness);
4. Illi l-konvenut halla warajh dejn kbir liema dejn sar minnu ad insaputa tar-rikorrenti u dan kif ser jirrizulta fil-mori tal-kawza u ghalkemm c-cifra ezatt mhux maghrufa, minn taghrif li ghandha ir-rikorrenti, dan jammonta ghal eluf kbar ta' Ewro;
5. Illi minhabba dan id-dejn ir-rikorrenti sfat ghal zmien twil ippersegwitata minn diversi persuni liema persuni hi ma kienitx taf;
6. Illi minhabba id-dejn li ghamel il-konvenut kien u ghadu mfittex mill-Pulizija stante li numru ta' persuni li kellhom x'jaqsmu mieghu ghamlu rapport fil-konfront tieghu lill-Pulizija;
7. Illi minn meta abbanduna lir-rikorrenti il-konvenut qatt ma ssoministralha retta alimentarja ghaliha u ghal uliedhom minkejja li sa ftit taz-zmien ilu hija kienet mara tad-dar;
8. Illi fil-fatt ir-rikorrenti kellha tabbanduna d-dar matrimonjali li kienet tokkupa b'titolu ta' lokazzjoni stante li ma kellha ebda sors ta' introjtu u marret tghix flimkien maz-zewg uliedha m'ommha;
9. Illi z-zewgt ulied tal-partijiet ftit li xejn jafu lil missierhom stante li meta abbanduna d-dar matrimonjali kienu ghadhom ta' eta tenera hafna wiehed ta' sentejn u l-iehor ta' sena;
10. Illi ghal dawn ir-ragunijiet, ir-rikorrenti talbet l-awtorizzazzjoni mehtiega minn din il-Qorti sabiex tipprocedi f'din l-istanza u fid-9 ta' Ottubru 2013 giet debitament awtorizzata tipprocedi permezz ta' din il-kawza ghas-

separazzjoni personali minn ma zewgha bid-dispensa tal-medjazzjoni stante l-assenza tal-konvenut (Dok MG 5);

Talbet ghar-ragunijiet hawn fuq premessi li l-konvenut jghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1. Tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet bi htija tal-konvenut u dan ghar-ragunijiet premessi;
2. Tordna li l-kura u l-kustodja tal-ulied tkun fdata esklussivament f'idejn ir-rikorrenti u li tali ordni tibqa fis-sehh anke kemm-il darba l-konvenut jirritorna lura Malta;
3. Tiddikjara li fic-cirkustanzi u ghar-ragunijiet premessi l-konvenut mhux tajjeb biex ikollu l-kustodja tal-ulied;
4. Tikkundanna l-konvenut ihallas retta alimentarja xierqa u adegwata ghaliha u ghaz-zewg uliedhom;
5. Tiddikjara illi d-dejn li sar mill-konvenut sar ad insaputa tar-rikorrenti u tordna li tali dejn jigi assunt unikament mill-konvenut li kkontrattah;
6. Tiddikjara xolta l-komunjoni tal-akkwisti ta' bejn il-partijiet, tillikwida l-istess komunjoni, taqsamha f'zewg porzjonijiet applikando kontra l-konvenut is-sanzjonijiet kollha ikkontemplati fil-ligi u tassenja wahda lill-attrici u l-ohra lill-istess konvenut, prevja n-nomina ta' perit, u okkorrendo ta' Nutar Pubbliku biex jippublika l-att opportun kif ukoll kuratur sabiex jirrapprezenta l-eventwali kontumaci fuq l-istess att;
7. Tapplika fil-konfront tal-konvenut id-dispozizzjonijiet tal-Artikoli 48, 51 u 55 tal-Kodici Civili stante li huwa l-konvenut li huwa unikament hati tal-firda minn mar-rikorrenti u ghalhekk ghandhom jigu applikati l-effetti ta' dawn l-artikoli in parte jew in toto;

Bl-ispejjez kontra l-konvenut li minn issa hu ingunt ghas-subizzjoni;

Rat il-lista tax-xhieda tal-attrici;

Rat ir-risposta guramentata tal-kuraturi deputati, li permezz taghha eccepew :

Illi l-esponenti m'humiex edotti mill-fatti u ghalhekk qed jirriservaw id-dritt li jirriprezentaw risposta motivata f'kaz u jekk jigu edotti mill-fatti;

Salv risposta ulterjuri;

Rat il-lista tax-xhieda tal-kuraturi deputati;

Semghet lix-xhieda illi tressqu;

Rat id-dokumenti li gew esebiti, il-provi li gew prodotti u l-atti ta' dan il-procediment;

Semghet lill-avukati difensuri tal-partijiet jittrattaw;

Rat illi l-kawza thalliet ghas-sentenza ghallum;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti ghandha quddiemha kawza ta' separazzjoni personali bejn il-partijiet fejn l-attrici tikkontendi li z-zwieg taghha mal-intimat assenti[1] tkisser ghal ragunijiet li huma imputabbli lill-intimat assenti, fosthom abbandun.

[1] Ara c-certifikat taz-zwieg esebit a fol 5 tal-process

Il-Qorti tirrileva li permezz tan-nota ta' eccezzjonijiet taghhom, il-kuraturi deputati appuntati sabiex jirrapprezentaw lill-intimat assenti, ddikjaraw li m'humiex edotti mill-kaz u rriservaw li jipprezentaw risposta guramentata ulterjuri f'kaz li jirnexxilhom jottjenu aktar informazzjoni dwar il-kaz odjern.

**Il-VERZJONI TAL-ATTRICI**

Permezz tal-affidavit taghha[2], l-attrici tghid li ghall-ewwel iz-zwieg taghhom kien sejjer tajjeb sakemm l-intimat beda jsiefer ta' spiss ghal ragunijiet ta' negozju. Tghid li skond ma kien jghidilha l-intimat, kien qed jaghmel xi negozju barra minn Malta, tant li xtara xi artijiet gewwa l-Bulgarija izda skond l-istess intimat, dan in-negozju sfaxxa. Tghid ukoll li mar il-Ghana peress li immigrant qallu li hemm opportunitajiet fis-swieq tad-deheb u d-djamanti u f'Mejju 2009 mar il-Ghana u qatt ma rritorna. Tiddikjara li lilha qatt ma qallha li ma kellux il-hsieb li jirritorna lura Malta. Marret il-Ghana flimkien mat-tfal f'Awwissu 2009 bil-hsieb li ssalva z-zwieg u zzomm il-familja maghquda izda ndunat li n-negozju li kien semmielha zewgha fil-verita' ma kienx jezisti. Ftit wara zewgha qallha biex tinzel lura Malta ghax ma kellux flus aktar, lanqas ghall-kera jew biex jixtri x'jieklu lit-tfal li dak iz-zmien kienu ghadhom jiehdu l-halib tat-trab. Tghid li kellha tissellef il-flus biex tixtri l-biljetti halli tigi lura bit-tfal Malta u minn dak iz-zmien lil hawn, baqghet dejjem tghix ghand ommha flimkien mat-tfal ghaliex l-intimat qatt ma rega' rritorna lura Malta. Izzid tghid ukoll li qabel ma telaq lejn il-Ghana kien issellef il-flus (Lm5000) minghand ommha peress li kellu xi dejn man-nies u wieghda li ser ihallasha lura. Dawn il-flus pero' qatt ma thallsu. Issellef ukoll is-

[2] Ara a fol 47 tal-process

somma ta' €1000 f'okkazjoni ohra meta kien mar xi marixxal.

Tghid li kif giet lura mill-Ghana, l-kuntatt ma' zewgha ghall-ewwel kien regolari izda imbaghad beda jnaqqas sakemm spicca fix-xejn. Tghid li l-ahhar darba li kellem lit-tfal kien f'Marzu 2013 b'dan li hi ma baqghetx tkellmu. Tghid li taf li gab xi zewg tfajliet jahdmu mieghu gewwa l-Ghana izda qatt ma baghat xi flus hawn. Peress li l-intimat kien iwieghed hafna affarijiet lil uliedu li naturalment qatt ma mmaterjalizzaw, il-minuri l-kbir beda jirribella u jkollu *challenging behavior* u kien ghalhekk li haditu sabiex jircievi ghajnuna professjonali.

Sadanittant bdiet tircievi telefonati minghand terzi li kienu investew flushom fin-negozju gewwa l-Bulgarija mal-intimat u li riedu flushom lura. L-intimat kien jghidilha li l-*business* mar hazin u li xi darba ser ihallashom lura. Tghid li mhux l-ewwel darba li gew il-Pulizija ghalih ghand ommha. Peress li l-intimat kien appunta lilha bhala *company secretary* u direttur tal-kumpanija tieghu Quality Group (Malta) Limited, fis-sena 2011 kienet irceviet kont sostanzjali minghand id-dipartiment tal-VAT. Kellha wkoll diversi problemi mad-Dipartiment tat-Taxxa. Kien biss fuq parir legali tal-avukat taghha u wara li rrizenjat minn tali karigi li rnexxhielha tehles minn dawn il-problemi. Ghaddiet il-files u d-dokumenti kollha relatati mal-investiment tal-intimat lill-Pulizija ta' kontra l-frodi li nfurmawha li kien hemm diversi rapporti kontra zewgha.

Taghlaq billi tghid li tahdem bhala *learning support assistant* li huwa xoghol perfett ghaliex il-hinijiet jikkumbacaw mal-hinijiet tal-iskola ta' wliedha u qieghda tkompli l-istudji taghha. Tghid li t-tfal jinstabu fi stat tajjeb u huma kuntenti

b'dan li qed javvanzaw fl-iskola bhal tfal ohra tal-eta' taghhom.

**IL-PROVI MIGBURA QUDDIEM IL-QORTI**

Il-Qorti tirrileva li bhala dokument anness mar-rikors promotur, l-attrici tipprezenta document mahrug mill-Kwartieri Generali tal-Pulizija[3] li jikkonferma li l-intimat huwa mfittex mill-Pulizija u li minn sorsi ta' min jorbot fuqhom, jidher li l-istess intimat harab minn Malta.

Permezz tan-nota guramentata taghha[4], l-attrici tikkontendi li r-responsabbilita' ghat-tifrik taz-zwieg ghandha tigi attribwita lill-intimat li abbanduna d-dar matrimonjali f'Mejju 2009 u dan wara li dahal fi djun kbar ma' diversi individwi u kumpaniji. Dan wassal sabiex l-intimat harab minn Malta. Tghid li d-dejn li ghamel l-intimat ma jistax jigi vverifikat *stante* li ma kienitx partecipi fih izda taf bih peress li kienet tircievi theddid minn terzi. Tghid li minn mindu abbanduna d-dar matrimonjali u konsegwentement il-familja tieghu, l-intimat qatt ma hallas xi manteniment, b'dan li l-kuntatt maghhom kien wiehed limitatissimu b'dan li l-minuri z-zghir lanqas biss jaghraf lil missier mir-ritratti, peress li meta l-intimat abbanduna kollox, l-istess minuri kellu biss disa' (9) xhur filwaqt li l-minuri l-kbir kellu sentejn. Tikkontendi li ghandha tinghata l-kura u l-kustodja tal-minuri minghajr access ghall-missier (jekk jirritorna lura Malta). Izzid tghid li hadet il-passi necessarji ghal uliedha billi hadithom ghand *play therapist* u *school councillor* u f'kaz li l-missier jerga' jittitorna, ssir hsara fuq l-ulied. Tikkonferma li l-intimat qatt ma hallas manteniment la ghaliha u lanqas ghal uliedha u

[3] Ara Dok. MG4 esebit a fol 8 tal-process

[4] Esebita a fol 37 tal-process

tikkonferma li l-introjtu taghha jikkonsisti fil-paga ta' *learning support assistant*. Tiddikjara li formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti kien hemm kirja ta' appartament li kellha tizgombra minnu peress li ma setghetx tlahhaq mal-kera. Il-mobbli formanti parti mill-istess komunjoni tal-akkwisti huma *fridge, washing machine* u *television* li kumplessivament ghandhom il-valur ta' €425 li hi tikkontendi li ghandhom jigu assenjati lilha.

Issir referenza wkoll ghall-affidavit ta' Therese Curmi[5], omm l-attrici li min-naha taghha tikkonferma li sellfet il-flus lill-intimat u li dawn ghadhom mhux imhallsa lura. Tghid li meta bintha telghet il-Ghana ma' wliedha, hi u zewgha li llum gie nieqes, kienu marru wkoll b'dan li l-intimat kien jaghti impressjoni li kollox kien sejjer tajjeb. Tikkonferma wkoll li l-Pulizija marru jfittxu lill-intimat ghax riedu jkellmuh u li bintha u wliedha jghixu maghha, b'dan li tghin fit-trobbija taghhom u tmantnihom ghaliex missierhom ma jmantnihomx, la bil-flus u lanqas b'oggetti ohra. Tirrakkonta kif in-neputijiet taghha kienu jitwerwru meta jaraw il-Pulizija wara l-bieb u li l-minuri l-kbir W kellu rabja kbira ghal missieru u dan kien rifless anke fit-tpingija tieghu tant li kien pinga l-anglu tal-Milied bil-kulur iswed.

## DWAR IT-TALBA GHAS-SEPARAZZJONI PERSONALI

Dwar l-ewwel talba, il-Qorti fl-ewwel lok taghmel referenza ghal Artikolu 41 tal-Kodici Civili, Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta li jsegwi hekk:

---

[5] Esebit a fol 50 tal-process

“***Kull waħda mill-partijiet miżżewġa tista’ wkoll titlob il-firda jekk, għal sentejn jew iżjed, tkun abbandunata mill-oħra, mingħajr raġuni tajba***”.

Permezz tal-affidavit taghha, l-attrici tiddikjara li l-intimat telaq mid-dar matrimonjali *u* qatt ma rega’ mar lura. Il-Qorti hija moralment konvinta li l-intimat mahrub tant li hemm anke dokument maħrug mill-Pulizija li huwa mfittex u li huwa mahsub li harab. Barra minn hekk, il-Qorti m’ghandha ebda prova kontrarja ghal dak li qed issostni l-attrici u tiddikjara wkoll li ma tara ebda raguni ghaliex m’ghandhiex taghti kredibilita’ lil tali verzjoni. Tenut kont ta’ tali abbandun l-Qorti thoss li huwa ekwu u gust li t-talba ghas-separazzjoni personali ta’ bejn il-partijiet ghal ragunijiet li huma unikament imputabbli lill-intimat ghandha tigi milqugha.

## DWAR IT-TALBA TAL-KURA U L-KUSTODJA TAL-MINURI

Il-Qorti tirrileva li frott taz-zwieg bejn il-partijiet twieldu zewgt ulied u cioe’ W li twieled nhar il-11 ta’ Gunju 2007[6] u R (Junior) li twieled nhar l-4 ta’ Awwissu 2008[7]. Jirrizulta ghalhekk li z-zewgt ulied ghadhom minuri.

Il-Qorti tirrileva li t-talba ghal kura u kustodja ghandha tigi determinata u deciza skond il-principju tal-ahjar interessi tal-minuri. Wara li semghet il-provi kollha migbura fil-mori tal-kawza, l-Qorti hija moralment konvinta li huwa fl-ahjar interessi tal-minuri li r-rikorrenti tkun fdata bil-kura u l-kustodja tal-minuri, anke in vista tal-fatt li l-minuri ilhom jghixu ma’

[6] Ara c-certifikat tat-twelid tieghu esebit a fol 6 tal-process

[7] Ara c-certifikat tat-twelid taghha esebit a fol 7 tal-process

ommhom ghal zmien twil u ghalhekk irid ikun hemm raguni valida ghaliex r-rutina tal-minuri ghandha tigi mibdula. Fuq kollox m'hemm ebda prova li turi li r-rikorrenti m'hijiex omm idoneja ghall-istess minuri, anzi jinghad li ghall-kuntrarju kienet hi li hadet lill-minuri ghall-ghajnuna wara li missierhom abbandunhom. Dan juri sens ta' maturita' da parti tal-attrici u sens ta' responsabbilta` ta' mara li trid l-ahjar ghal uliedha. Jirrizulta wkoll li l-istess missier donnu tilef l-interess f'uliedu tant li ilu ma jaghmel kuntatt maghhom ghal zmien twil. Tenut kont ta' dan kif ukoll tal-fatt li minn mindu l-intimat abbanduna lil familtu u harab minn Malta kienet ir-rikorrenti li hadet hsieb lill-minuri, il-Qorti thoss li huwa fl-ahjar interessi tal-minuri li l-kura u l-kustodja tal-istess minuri tigi fdata f'idejn ir-rikorrenti.

**<u>DWAR IT-TALBA GHAL MANTENIMENT GHAR-RIKORRENTI</u>**

L-attrici qieghda titlob manteniment ghaliha personalment pero' fl-istess hin tiddikjara li hija tahdem bi qliegh fuq bazi *full-time* u konsegwentement, fic-cirkustanzi l-Qorti ma tarax kif tista' tilqa' t-talba ghal manteniment ghaliha, ghaliex jirrizulta car li l-istess attrici hija kapaci tfendi ghal rasha.

**<u>DWAR IT-TALBA GHALL-MANTENIMENT TAL-WILD</u>**

Il-Qorti tirrileva li jirrizulta bl-aktar mod car li r-responsabbilita' kollha relatata mal-minuri waqghet fuq ir-rikorrenti. F'dan il-

kuntest il-Qorti taghmel referenza ghall-kawza fl-ismijiet **Portelli Jennifer pro et noe vs. Portelli John**[8]u **Tabone Lea pro et noe vs Tabone Jesmond**[9] fejn saret referenza ghal:

Artikolu 3 tal-Kap 16 li jipprovdi li :-

“***Il-partijiet fiz-zwieg ghandhom l-obbligu, kull wahda minnhom skond il-mezzi u l-hila taghhom, li jahdmu kemm fid-dar kif ukoll barra mid-dar kif jinhtiegu l-interessi tal-familja, li jmantnu lil xulxin u jikkontribwixxu ghall-htigijiet tal-familja***"

ghal artikolu 3B tal-Kap 16 li jistipula illi:

"***Iz-zwieg jimponi fuq il-mizzewgin l-obbligu li jiehdu hsieb, imantnu, jghallmu u jedukaw lil ulied li jigu miz-zwieg skond il-hila, xehtiet naturali u aspirazzjonijiet ta' l-ulied***."

u ghal artikolu 7 (1) ta' l-istess Kap 16 jinghad li:-

"***Il-genituri ghandhom l-obbligu li jiehdu hsieb, imantnu, jghallmu u jedukaw lil uliedhom bil-mod stabbilit fl-artikolu 3 B ta' dan il-Kodici."***

Ghalhekk abbazi tal-premess, jirrizulta mid-dispozizzjonijiet tal-

---

[8]Deciza nhar il-25 ta’ Gunju 2003 mill- Prim’Awla tal-Qorti Civili (Rik Gur 2668/1996)

[9] Deciza nhar it-2 ta’ Ottubru 2003 mill- **Prim’Awla tal-Qorti Civili (Rik Ġur Nru 1396/2001)**

ligi, li l-genituri ghandhom l-istess obbligi verso l-ulied taghhom, u ghalhekk it-tnejn li huma ghandhom jikkontribwixxu ghat-trobbija ta' l-istess, aktar u aktar meta llum il-mizzewgin huma f'pozizzjoni ta' ugwaljanza u ghandhom l-istess drittijiet u allura, anke skond l-artikolu 2 tal-Kap 16 "***jerfghu r-responsabilitajiet indaqs matul iz-zwieg taghhom***."

Certament li l-obbligi mnizzla miz-zwieg, isofru mutament fil-kors ta' separazzjoni bejn il-partijiet, anke fil-kazijiet ta' pendente lite, pero' l-obbligu taz-zewg genituri lejn l-ulied jibqa' bazikament l-istess dettat kull wiehed skond il-mezzi tieghu, ikkalkulati skond id-dispozizzjonijiet ta' l-artikolu 20 ta' l-istess Kap, u l-bzonnijiet ta' l-istess minuri, u fl-interess ta' l-istess minuri.

Illi huwa ovvju li kif ghandha tkun tali kontribuzzjoni minn kull wiehed mill-genituri, tvarja minn kaz ghal kaz, u hafna jiddependi fuq il-mezzi rispettivi u l-bzonnijiet ta' l-istess minuri, pero' xorta jibqghu veljanti u skjetti l-principji li jirregolaw l-istess dmirijiet u obbligazzjonijiet tal-genituri verso l-istess ulied, specjalment ghall-manteniment ta' l-istess fit-termini preskritti fl-artikolu 19 (1) u (2) u l-artikolu 20 tal-Kap 16, li ghalhekk jinkludu kontribuzzjoni ghall-ikel, ilbies, sahha u abitazzjoni u spejjez mehtiega ghall-istess sahha u ghall-edukazzjoni taghhom u skond il-bilanc bejn il-bzonn u l-mezzi, kkalkulati ai termini tas-sub-artikoli ta' l-istess artikolu 20. Il-Qorti tirrileva wkoll li l-obbligu ghall-manteniment tal-ulied m'huwiex marbut bl-ebda mod mal-impjieg jew mal-introjtu tal-genituri izda huwa obbligu assolut.

Il-Qorti tirrileva li m'ghandha ebda informazzjoni dwar l-introjtu tal-intimat li jista' jitfa' ftit dawl dwar is-sitwazzjoni. Izda tenut kont tal-fatt li l-istess intimat huwa l-missier tal-minuri u ghandu l-obbligu sagrosant li jmantni lil uliedu (flimkien mal-attrici), irrispettivament mill-introjtu li ghandu, irid ihallas xi forma ta' manteniment lejn l-istess uliedu. F'dan il-kuntest il-Qorti thoss li

jkun ekwu u gust li l-intimat jigi ordnat ihallas is-somma ta' erba' mija u hamsin Euro (€450) kull erba' (4) gimhat bhala manteniment ghal uliedu, liema manteniment ghandu jizdied kull sena skond l-gholi tal-hajja. Jigi rilevat li tali manteniment jinkludi fih l-ispejjez relattivi mas-sahha u l-edukazzjoni tal-istess ulied. Il-Qorti thoss li fic-cirkustanzi jkun aktar prattiku li l-intimat ihallas somma fissa fix-xahar milli jhallas nofs l-ispejjez tas-sahha u l-edukazzjoni bir-ricevuti, *stante* li l-komunikazzjoni bejn il-partijiet hija wahda limitata u tali arrangament mhux wiehed prattiku meta wiehed mill-genituri jkun assenti minn Malta. Il-Qorti tordna wkoll li tali manteniment ghandu jibqa' jithallas *di fermo* sakemm kull wiehed mill-minuri jkollu tmintax –il sena. Jekk l-istess minuri sussegwentement li jsir maggorenni jkun qed jistudja fuq bazi *full-time*, allura tali manteniment ghandu jibqa' jithallas mill-intimat sakemm l-istess minuri jieqaf jistudja fuq bazi *full-time* jew jilhaq l-eta' ta' tlieta u ghoxrin (23) sena, skont liema eventwalita' ssehh l-ewwel.

**DWAR IT-TALBA GHAX-XOLJIMENT TAL-KOMUNJONI TAL-AKKWISTI**

Il-Qorti tirrileva li l-assi formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti huma verament minimi u cioe' tliet (3) mobbli (*fridge, washing machine* u *television*) li l-valur kumplessiv taghhom huwa dak ta' €425. Il-Qorti tordna li tali mobbli ghandhom jitqiesu bhala l-proprjeta' esklussiva tal-attrici. Jidher pero' li hemm dejn ma' terzi kif ukoll ma' Therese Curmi (omm l-attrici). Apparti dan id-dejn li l-attrici taf bih u taf kemm jammonta (peress li huwa dejn ma' ommha), l-istess attrici m'hijiex f'posizzjoni li tikkwantifika d-dejn l-iehor li hemm ma' terzi. Ghalhekk, tenut kont tal-fatt li jirrizulta b'mod car li ad eccezzjoni tad-dejn ta' ma' Therese Curmi, r-rikorrenti ma kienitx partecipi f'tali dejn jew in-negozju tieghu

u tenut kont tal-fatt li l-istess intimat gie misjub hati tas-separazzjoni personali ta' bejn il-partijiet, il-Qorti thoss li huwa ekwu li d-dejn kollu li kkontratta l-intimat ma' terzi mhux maghrufa, inkluz id-dejn relatat mal-kumpanija Quality Group (Malta) Limited, ghandu jithallas esklussivament mill-intimat. Kwantu ghad-dejn ta' ma' Therese Curmi, *stante* li jirrizulta li dan huwa dejn li sar bil-kunsens jew ghall-anqas bil-konoxxenza tar-rikorrenti, l-Qorti tara li tali dejn ghandu jithallas b'mod ugwali bejn iz-zewg partijiet. Ghalhekk kwantu ghall-ammont kumplessiv ta' €12,646.86 (Lm5000 + €1000) dovut lil Therese Curmi, il-Qorti trid li tali dejn jithallas b'mod ugwali bejn il-partijiet. Kwantu ghall-kontijiet bankarji, l-Qorti thoss li kull parti ghandha zzomm dawk il-kontijiet bankarji intestati f'isimha.

**<u>DWAR ID-DEKADENZA TAL-INTIMAT</u>**

L-artikolu 48 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta jghid hekk:

(1) Il-parti, ir-raġel jew il-mara, illi tkun il-ħtija tal-firda għal waħda mir-raġunijiet imsemmijin fl-artikoli 38 u 41 titlef -

(a) il-jeddijiet imsemmijin fl-artikoli 631, 633, 825, 826 u 827;

(b) dak kollu li tkun kisbet mill-parti l-oħra b'donazzjoni bi ħsieb taż-żwieġ, jew waqt iż-żwieġ, jew taħt titolu ieħor gratuwitu;

(ċ) kull jedd ta' parti miż-żwieġ għan-nofs tal-akkwisti illi jkunu saru l-aktar bil-ħidma tal-parti l-oħra wara data stabbilita mill-Qorti bħala d-data meta l-parti għandha tkun kunsidrata li minnha tkun ħatja tal-firda. Għall-finijiet ta' dan il-paragrafu biex jiġi determinat jekk akkwist ikunx sar l-aktar bil-ħidma ta' waħda millpartijiet fiż-żwieġ, għandhom jitqiesu l-kontributi b'kull mod taż-żewġ partijiet skont l-artikolu 3;

(d) il-jedd li iġġiegħel lill-parti l-oħra, f’kull każ, li tagħtiha l-manteniment bis-saħħa tal-obbligu li jitnissel miż-żwieġ.

L-Artikolu 51 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta jghid hekk:

“Il-firda li ssir minħabba xi waħda mir-raġunijiet imsemmijin fl-artikolu 40, tista’ jkollha l-effetti msemmijin fl-artikolu 48, meta l-Qorti jidhrilha li, taħt iċ-ċirkostanzi tal-każ, għandhom igħoddu, f’kollox jew f’biċċa, id-disposizzjonijiet ta’ dak l-artikolu”.

Il-Qorti, tirrileva li jirrizulta car li l-intimat huwa hati ghas-separazzjoni bejn il-partijiet minhabba l-abbandun totali li huwa kkommetta fuq il-familja tieghu u ghalhekk, tara li hemm ir-rekwiziti necessarji sabiex jigi applikat kontra l-istess intimat l-Artikolu 48 tal-Kap. 16.

**DECIDE**

Ghalhekk, ghal dawn il-motivi, il-Qorti qeghda taqta’ u tiddeciedi din il-kawza billi:

[1] Tilqa’ l-ewwel talba fis-sens li tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet bi htija unika tal-intimat;

[2] Tilqa’ t-tieni talba;

[3] Tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-t-tielet talba stante li t-tieni talba giet milqugha;

[4] Tilqa' r-raba' talba limitatament fis-sens li tikkundanna lill-intimat ihallas manteniment ghal uliedu fis-somma ta' €450 kull erba' (4) gimhat bhala manteniment ghal uliedu, liema manteniment ghandu jizdied kull sena skond l-gholi tal-hajja u jinkludi fih l-ispejjez relattivi mas-sahha u l-edukazzjoni tal-istess ulied. Il-Qorti tordna wkoll li tali manteniment ghandu jibqa' jithallas *di fermo* sakemm kull wiehed mill-minuri jkollu tmintax –il sena. Jekk l-istess minuri sussegwentement li jsir maggorenni jkun qed jistudja fuq bazi *full-time*, allura tali manteniment ghandu jibqa' jithallas mill-intimat sakemm l-istess minuri jieqaf jistudja fuq bazi *full-time* jew jilhaq l-eta' ta' tlieta u ghoxrin (23) sena, skond liema eventwalita' ssehh l-ewwel. F'kaz li meta l-minuri jkunu ghalqu l-eta ta' 18 –il sena ma jibqghux jghixu mal-attrici ommhom, allura l-manteniment dovut ghandu jibqa' jithallas mill-intimat izda direttament lil dak il-wild li ma jkunx ghadu jirrisjedi mal-omm.

[5] Tilqa' l-hames talba;

[6] Tilqa' s-sitt talba fis-sens li tiddikjara xolta l-komunjoni tal-akkwisti bejn il-partijiet bil-mod kif spjegat fil-paragrafu intitolat 'Dwar it-Talba ghax-Xoljiment tal-Komunjoni tal-Akkwisti', b'dan li l-mobbli msemmija fl-istess paragrafu jitqiesu bhala l-proprjeta' esklussiva tal-attrici, kwalunkwe dejn kontrattat mill-intimat ad insaputa tal-attrici jkun a karigu esklussiv tieghu flimkien ma' kwalunkwe dejn abbinat mal-kumpanija Quality Group (Malta) Limited. Id-dejn pero' li hemm ma' Therese Curmi ghandu jinqasam b'mod ugwali bejn il-partijiet. Kontijiet bankarji f'isem l-attrici ghandhom jitqiesu bhala l-proprjeta' esklussiva taghha;

[7] Tilqa' s-seba' talba limitatament ghall-applikazzjoni tal-Artikolu 48 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

Bl-ispejjez kontra l-intimat b'dan li kwalunkwe spejjez relatati mal-kuraturi deputati ghandhom jigu mhallsa provizorjament mill-attrici.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------